MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Numru 992/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**VS**
**CAROLANNE DELICATA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carolanne Delicata, ta’ 23 sena, bint Victor Delicata u Carmen Grixti, imwielda nhar il-15 ta’ Marzu 1987, detentrici ta’ karta ta’ l-identita` bin-numru 384193M u toqghod ‘Maple Leaf’ Triq l-Imdina, Attard fejn giet akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer u cioe` nhar it-22 ta’ Lulju 2010, fi Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, ghall-habta ta’ 07.10am waqt li kienet qed issuq vettura, bin-numru ta’ registrazzjoni DAB 268 ta’ ghamla Fiat, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunat offizi ta’ natura gravi li

kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem tal-persuna ta’ Paul Parnis, skond kif iccertifika Dr Andre Mercieca MD ta’ M.D.H.

Talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kienet qed issuq vettura, bin-numru ta’ registrazzjoni DAB 268 ta’ ghamla Fiat, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunat hsara fuq il-vettura BAG 513 ta’ ghamla Peugoet 106 ghad-dannu ta’ Paul Parnis.

Talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet l-imsemmija vettura DAB 268 ta’ ghamla Fiat b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, jew b’mod perikluz.
F’kaz ta’ sejbien ta’ htija l-Prosekuzzjoni umilment talbet lil din l-Onorabbli Qorti biex tiskwalifika lill-hatja mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan u biex ukoll tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 41 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-imputata lejn Paul Parnis.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti kollha tal-kaz.

Semghet tal-ammissjoni tal-imputata.

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Din il-kawza tirrigwarda griehi ta’ natura gravi in segwitu ta’ incident awtomobilistiku f’liema incident l-kwerelant kellu jigi mghejjun mill-Iskwadra ta’ Protezzjoni Civili li qattghu l-karozza biex johorguh minnha.  Bhala konsegwenza tal-impatt, l-imputat sofra griehi gravi permanenti li jikkonsistu f’telf ta’ dawl minn ghajn wahda u ghalhekk ma setghax ikompli bl-generu tax-xoghol ta’ bajjad aktar.

L-imputata ammettiet ghall-akkuzi kollha dedotti kontra taghha.

Fuq l-istess ammissjoni taghha l-Qorti ssib lil-imputata hatja skont l-akkuza u wara li rat Art 226(1)(a), 328(d), Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Art 15(1)a) tal-Kap 65, Art 7 Kap 446 tqieghed lill-imputata that Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minn nominat, waqt li tiskwalifika lill-imputata mil-licenzja tas-sewqan taghha ghal perjodu ta' sena. Din il-piena giet akkordata in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputata u l-eta` govanili taghha u l-fatt illi hija a *first offender*.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------